**309. Il-Ministru tal-Finanzi, l-Onor. John Dalli ppropona:-**

Billi huwa provdut, fl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1952 dwar il-*Bills* tat-Teżor ta' Malta, li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', kull meta jkun awtorizzat għal hekk b'Riżoluzzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti, jikseb flus ta' ammont mhux aktar minn dak speċifikat f'dik ir-Riżoluzzjoni permezz tal-ħruġ ta' Bills skond l-imsemmi Att;

U billi huwa espedjenti illi jinħareġ ammont ta' *Bills* tat-Teżor mhux aktar minn Lm300,000,000 (tliet mitt miljun lira Maltin) għall-ħtiġijiet finanzjarji ta' l-operat tal-Gvern;

Issa, għalhekk, jiġi riżolut li l-Ministru tal-Finanzi jiġi awtorizzat jagħmel ħruġ ta' *Bills* tat-Teżor għal ammont ta' mhux iżjed minn Lm300,000,000 (tliet mitt miljun lira Maltin) skond id-dispożizzjoni ta' l-imsemmi Att ta' l-1952 dwar il-*Bills* tat-Teżor ta' Malta.

22.11.2002